MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 41/2003

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Peter Azzopardi**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Fis-16 t'April 2001, il-konvenut kien qed jopera trakk bil-"high-up" numru IBB 289 quddiem il-fond numru 54 Triq San Gwann, Nadur sabiex inehhi xi xorok mill-istess fond propjeta' ta' Gerald Attard, il-konvenut laqat accidentalment arblu li mieghu kien hemm imwahhlin fili tad-dawl, liema fili soffrew hsarat bhala rizultat ta' tali incident.

Dana l-incident ikkawza hsara li giet ikkalkulata li tammonta ghal tlett mija u disgha u ghoxrin lira 37

centezmu ghad-detriment tal-Korporazzjoni attrici u ghalkemm, il-konvenut kien originarjament stqarr illi kien lest illi jaghmel tajjeb ghal tali hsara, minkejja illi gie debitament interpellat, baqa' inadempjenti u kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-incident sad-data tal-hlas effettiv."

Ra r-risposta:

1. "Illi preliminarjament il-kawza odjerna hi kolpita bil-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u m'ghandhomx jigu milqugha u dana stante illi l-ammont kif mitlub mis-socjeta' attrici huwa wiehed ferm esagerat nonostante illi l-hsara illi saret kienet wahda minima u di fatti l-konvenut kien dejjem dispost li jhallas ghall-hsarat ikkagunati kieku l-ammont mitlub kien wiehed ragonevoli.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt."

Ikkunsidra:

Rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ma kienx hemm kontestazzjoni li huwa applikabbli ghall-kaz l-artiklu 2153 tal-Kap 16 li jikkontempla perjodu preskrittiv ta' sentejn. L-incident sehh fis-16 t'April 2001 filwaqt li l-avviz gie pprezentat fit-22 t'April 2003 cioe' ftit jiem biss wara d-dekors tas-sentejn. Ma jirrizultax li giet ipprezentata xi ittra ufficcjali biex tinterrompi l-preskrizzjoni.

Min-naha l-ohra, fit-tieni eccezzjoni tieghu il-konvenut apparti li jammetti r-responsabilita' tal-incident jistqarr li *kien dejjem dispost li jhallas* izda jikkontesta l-quantum tad-danni.

It-tieni eccezzjoni hija moghtija bhala bla pregudizzju ghal dik tal-preskrizzjoni. Tabilhaqq, kuntrarjament ghal kodicijiet esteri, il-kodici taghna jammetti l-possibilita' tal-kompatibilita' bejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u certi eccezzjonijiet ohra fil-mertu. Hekk huma ammessi flimkien l-eccezzjoni tal-**preskrizzjoni** u dik tal-**pagament** – *Giovanni Bezzina et vs Lucrezia Formosa – Vol XXX.i.989 – Qorti tal-Appell Inferjuri – Imhallef W Harding 1 ta' Lulju 1939;* li fiha l-konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni u qalet ukoll li ma kellhiex taghti ghax hallset; u *Ellul vs Imbroll 21.05.1921-* - u bejn l-eccezzjoni tal-**preskrizzjoni** u **c-cahda tar-responsabilita' ghad-danni** – *Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle Mc Cance noe – Qorti tal-Appell (Superjuri Civili) – 30 ta' Mejju 1952 – Vol XXXVI.i.133 -* . Dan ghar-raguni li, kif spjegat minn Sir Adrian Dingli in re *Pace Bonello vs Bugeja Caruana – Qorti tal-Appell, 27.03.1885*, li qabel, meta kien Avukat tal-Kuruna, kien hu stess li ghamel din il-ligi li mbaghad hu stess awtorevolment ikkummenta, a differenza minn kodicijiet esteri, fil-ligi Maltija dik il-parti tal-formola tal-gurament gia art 1924 tal-Kodici Civili) fejn il-pretiz debitu jahlef li ma hux debitur, jidhol tant il-kaz tal-inezistenza assoluta ta' obbligazzjoni, kemm il-kaz ta' estinzjoni. Min-naha l-ohra, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija nkompatibbli ma' certi eccezzjonijiet ohrajn bhal dik tal-inezistenza assoluta tal-kreditu jew dik tal-kompensazzjoni – ara *P.A. Francalanza vs Huber noe 30.05.1919; Sacco vs Commendatore Mazzone 07.06.1927; Dr Antonio Caruana vs Antonio Spiteri Qorti tal-Appell 07.01.1939 Imhallef W Harding kollezz XXX.i.964.* Fil-kaz quddiem dan it-Tribunal, it-tieni eccezzjoni kif ikkonfezzjonata ma tistax ma tkunx pregudizzjevoli billi tammonta ghal ammissjoni tar-responsabilita' u ta' offerta tal-hlas tad-danni salv verifika tal-*quantum* u ghalhekk hija inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni; ghax hawn il-konvenut qieghed fl-istess hin jinnega u jammetti li ghandu jaghti.

Tibqa' ghalhekk il-kwistjoni tal-*quantum*. Kien hemm spejjez li nkorriet il-Korporazzjoni attrici u li ma nkludietx fil-kont, bhall-ispejjez li hallset lil certu Dun Gusepp Rapa ghall-knatan li tharrku mill-kantuniera tad-dar tieghu u li

maghha kien hemm imwahhlin il-cables tal-elettriku li gew migbuda mill-konvenut; kif ukoll tal-arblu l-gdid li twahhal fit-triq minflok il-kanna li kien hemm imwahhla mal-hajt. Ghalhekk ma jregix dak li allega l-konvenut li l-ispejjez kienu esorbitanti minhabba li gie mitlub ihallas ta' arblu gdid li jiswa ferm iktar mill-kanna li kien hemm qabel biex iserrhu fuqha l-cables tal-elettriku. Dawn l-ispejjez li l-Korporazzjoni ma talbitx, naturalment ma jistax dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallashom. Ghalhekk il-kont kif pretiz huwa ggustifikat, hlief ghall-hamsa u tletin fil-mija (35%) hekk imsejjha *surcharge* li skond il-politika tal-Korporazzjoni, jigi dejjem mizjud ma' kull kont. Hadd m'ghandu jedd izid id-danni minnu subiti u ghalhekk dan is-*surcharge* qieghed jigi mnaqqas mill-ammont pretiz.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jirrespingi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u jilqa' t-talba tal-Korporazzjoni attrici izda dan limitatament ghas-somma ta' LM282.99 indikata fl-*istatement* esibit a fol 37 u market Dok JC-1. Spejjez zewg terzi ghall-konvenut u terz ghall-Korporazzjoni attrici. L-imghax legali jiddekorri biss mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------